# Prostituta

Victor Fenech

Il-prostituta anzjana ["Skużi,
ħaddiema fl-industrija tas-sess"]
isserraħ minkbejha fuq ħoġor it-tieqa,
ir-rfigħ ta' sidirha stedina miftuħa.

Dal-aħħar nixfulha l-klijenti:
żmenijiet ftit imgħarrqin – u
ż-żgħażagħ moderni
mis-sess mhumiex neqsin.

Dana tafu l-prostituta – tibqa'
tistenna-tittama fit-tieqa,
tisħet destinha ... tiftakar
f'tarbija li mietet fin-nieqa.

Meta l-lejl ikun daħal,
u bla hedu nfiħ ir-riħ,
tirtira f'sodditha
bil-Qalb ta' Ġesù u d-Duluri
fuq rasha,
trodd is-salib u tittanta tistrieħ.